

**Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Kawżi ċivili>Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri**

Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti miqjuda fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-Ġustizzja elettronika, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2022.

**Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri**

L-Ingilterra u Wales

**1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?**

It-tipi prinċipali ta' skadenzi huma dawn:

Żmien għar-risposta għal talba - Malli jirċievi formola tat-talba jew id-dettalji tat-talba jekk dawn jiġu nnotifikati separatament, il-konvenut ikollu 14-il jum biex jew jirrispondi għat-talba jew biex jippreżenta konferma tan-notifika. Mal-preżentata ta' konferma tan-notifika, il-konvenut imbagħad ikollu 14-il jum ieħor biex iħejji r-risposta tiegħu. Dan ifisser li l-konvenut jista' jkollu sa 28 jum biex jirrispondi għat-talba iżda jekk huwa jippreżenta l-konferma tan-notifika l-għada li jirċievi d-dettalji tat-talba, il-konvenut ikollu biss 15-il jum biex jippreżenta r-risposta tiegħu.

Żmien għall-eżekuzzjoni ta' sentenza – Skont l-Artikolu 24 tal-Att tal-1980 dwar il-Prekrizzjoni (Limitation Act 1980), ma tistax titressaq kawża kontra xi sentenza wara sitt snin mid-data meta s-sentenza tkun saret eżegwibbli.

Perjodi ta' preskrizzjoni – B'mod ġenerali, japplika perjodu ta' preskrizzjoni ta' sitt snin u huwa applikabbli għal:

il-limitu ta' żmien għal kawżi dwar delitt (l-Artikolu 2 tal-Att tal-1980 dwar il-Prekrizzjoni (Limitation Act 1980))

il-limitu ta' żmien fil-każ ta' konverżjonijiet suċċessivi u l-estinjoni tat-titolu ta' sid u oġġetti konvertiti (l-Artikolu 3 tal-Att tal-1980 dwar il-Prekrizzjoni (Limitation Act 1980))

il-limitu ta' żmien għal kawżi għal somom li jistgħu jiġu rkuprati skont l-istatut (l-Artikolu 9 tal-Att tal-1980 dwar il-Prekrizzjoni (Limitation Act 1980))

Il-perjodi ta' preskrizzjoni jvarjaw għal tipi oħra ta' kawżi. Pereżempju:

il-limitu ta' żmien għal kawżi dwar speċjalità huwa ta' tnaħ-il sena (l-Artikolu 8 tal-Att tal-1980 dwar il-Prekrizzjoni (Limitation Act 1980)) – pereżempju djun speċjali bħal ipoteki.

il-limitu ta' żmien għal kawżi fir-rigward ta' danni personali huwa ta' tliet snin (l-Artikolu 11 tal-Att tal-1980 dwar il-Prekrizzjoni (Limitation Act 1980)).

**2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.**

Il-partijiet 2.8 sa 2.10 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules) jittrattaw l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tar-regoli f'termini tal-kalkolu tal-perjodi ta' żmien.

Minbarra s-Sibt u l-Ħadd, il-ġranet li fihom ma jsirx xogħol fl-Ingilterra u f'Wales jinkludu l-btajjel pubbliċi li ġejjin:

L-Ewwel tas-Sena: l-1 ta' Jannar

Il-Ġimgħa l-Kbira: il-Ġimgħa ta' qabel l-Għid

It-Tnejn ta' wara l-Għid: il-jum tat-Tnejn ta' wara l-Għid

Btala Pubblika tal-Bidu ta' Mejju: l-ewwel jum tat-Tnejn f'Mejju

Btala Pubblika tar-Rebbiegħa: l-aħħar jum tat-Tnejn f'Mejju

Btala Pubblika tas-Sajf: l-aħħar jum tat-Tnejn f'Awwissu

Jum il-Milied: il-25 ta' Diċembru

L-Għada tal-Milied: is-26 ta' Diċembru

Meta Jum il-Milied, l-Għada tal-Milied jew l-Ewwel tas-Sena jaħbat fi tmiem il-ġimgħa, il-jum tax-xogħol li jmiss isir btala pubblika. Pereżempju, jekk il-25 u s-26 ta' Diċembru jkunu s-Sibt u l-Ħadd rispettivament, it-Tnejn u t-Tlieta ta' wara jkunu btajjel pubbliċi.

Barra minn hekk, il-qrati kollha jkunu magħluqin għal ġurnata żejda fil-Milied.

**3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?**

**L-Att tal-1980 dwar il-Prekrizzjoni (Limitation Act 1980)** – Dan jistipula diversi limiti ta' żmien għall-bidu tal-proċedimenti u jstabbilixxi perjodi oħra li fihom, pereżempju, sentenza trid tiġi eżegwita u jridu jittieħdu azzjonijiet oħra mill-partijiet. Aktar informazzjoni hija mogħtija fit-tweġiba għall-mistoqsija 1 aktar 'il fuq.

**L-Att tal-1984 dwar Perjodi ta' Preskrizzjoni Barranin (Foreign Limitation Periods Act 1984)** – Dan jistipula li kwalunkwe liġi relatata mal-preskrizzjoni ta' kawżi għandha tiġi ttrattata, għall-finijiet ta' kawżi li fihom jingħata effett lil liġi barranija jew lil determinazzjonijiet minn qrati barranin, bħala kwistjoni ta' sustanza pjuttost milli bħala kwistjoni ta' proċedura. Dan japplika kemm għall-proċedimenti arbitrali kif ukoll għall-proċedimenti legali fil-qrati fl-Ingilterra u f'Wales, kull meta tkun trid titqies il-liġi ta' pajjiż ieħor.

**Ir-Regoli tal-Proċedura Ċivili (Civil Procedure Rules)** – Dawn huma r-regoli proċedurali għall-qrati ċivili fl-Ingilterra u f'Wales u jinkludu l-limiti ta' żmien għal kawżi differenti.

**4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?**

Id-data minn meta jibda jiddekorri l-perjodu normalment hija d-data tal-avveniment rilevanti. Pereżempju, iż-żmien meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' 14-il jum għat-tweġib ta' talba huwa l-jum tal-wasla tal-formola tat-talba jew tad-dettalji tat-talba jekk jiġu nnotifikati separatament (soġġett għar-regoli dwar in-notifika meqjusa – ara hawn taħt). Barra minn hekk, iż-żmien meta jibda jiddekorri l-perjodu ta' 6 snin biex tiġi eżegwita sentenza huwa d-data meta s-sentenza tkun saret eżegwibbli.

**5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marbuxxall jew servizz postali)?**

Il-metodu normali ta' notifika użat għat-trażmissjoni ta' dokumenti, huwa l-posta prijoritarja. Jekk dokument jintbagħat permezz ta' posta prijoritarja, dan jitqies li jkun ġie nnotifikat fit-tieni jum wara li jkun ġie impustat.

Aktar informazzjoni dwar id-dati tan-notifika meqjusa għal metodi oħra ta' notifika mhux personali, eż. skambju ta' dokumenti, il-konsenja tad-dokument jew it-tfollija tiegħu fl-indirizz permess, faks jew metodi elettroniċi oħra tista' tintstab fil-**Parti 6 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili**.

**6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?**

Meta perjodu ta' żmien jiġi espress bħala għadd ta' jiem, dan jiġi kkalkulat bħala jiem sħaħ. Fil-kalkolu tal-għadd ta' "jiem sħaħ", il-jum li fih jibda l-perjodu u jekk it-tmien tal-perjodu jkun definit b'referenza għal avveniment, il-jum li fih iseħħ dak l-avveniment, ma jiġux inklużi. Eżempji ta' kif għandhom jiġu kkalkulati dawn il-jiem jistgħu jinstabu fil-[Parti 2 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili](#).

#### **7 Meta skadenza tkun espressha f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?**

Meta l-qorti tagħti sentenza, ordni jew direzzjoni li timponi limitu ta' żmien għat-tweġiq ta' kwalunkwe att, l-aħħar data għall-konformità trid, kull fejn ikun prattikabbli, tiġi espressha bħala data kalendarja; u tinkludi l-ħin tal-ġurnata sa meta jrid isir l-att. Meta d-data sa meta jkun irid isir l-att tkun imdaħħla fi kwalunkwe dokument, id-data trid, kull fejn ikun prattikabbli, tiġi espressha bħala data kalendarja.

Pereżempju, jekk persuna tiġi nnotifikata dokument fl-4 ta' April u hija tintalab tweġeb fi żmien 14-il jum min-notifika, hija għandha tweġeb qabel it-18 ta' April.

Madankollu, jekk il-perjodu speċifikat ikun ta' anqas minn 5 jiem, is-Sibtijiet, il-Ħdud u l-btajjel pubbliċi ma jingħaddux.

#### **8 Meta skadenza bħal din tkun espressha f'ġimgħat, xhur jew snin?**

Meta f'xi sentenza, ordni, direzzjoni jew dokument ieħor jissemma "xahar", dan ifisser xahar kalendarju.

Meta perjodu jiġi espress fi snin, għalkemm ma hemm l-ebda regola espliċita, il-Parti 2.10 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili trid tiġi applikata b'mod analogu. Għalhekk, jekk tintuża "sena" fi kwalunkwe sentenza, ordni, direzzjoni jew dokument ieħor, din tfisser sena kalendarja.

#### **9 Jekk skadenza bħal din tkun espressha f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?**

Jekk it-tmien tal-perjodu jiġi definit b'referenza għal avveniment, il-jum li fih iseħħ dak l-avveniment ma jkunx inkluż. Ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 6 hawn fuq.

#### **10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?**

Meta l-perjodu speċifikat mir-Regoli tal-Proċedura Ċivili, direzzjoni ta' prattika, kwalunkwe sentenza jew ordni tal-qorti għat-tweġiq ta' kwalunkwe att fl-uffiċċju tal-qorti jintemm f'jum li fih l-uffiċċju jkun magħluq, dak l-att għandu jkun fil-ħin jekk isir fil-jum li jmiss li fih l-uffiċċju tal-qorti jkun miġuħ. Din ir-regola tapplika kull meta jkun hemm perjodu ta' skadenza.

#### **11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?**

Meta formola tat-talba tiġi notifikata barra mill-ġurisdizzjoni, japplikaw regoli speċjali. Pereżempju, meta n-notifika tkun fi Stat Membru tal-UE jew fi Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1965 dwar in-notifika barra l-pajjiż ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali, il-perjodu għall-preżentata ta' konferma huwa ta' 21 jum wara d-data tan-notifika tal-formola tat-talba jew tad-dettalji tat-talba. Il-perjodu għall-preżentata ta' risposta huwa ta' 21 jum wara d-data tan-notifika tad-dettalji tat-talba jew, jekk il-konvenut jippreżenta konferma tan-notifika, 35 jum wara n-notifika tad-dettalji tat-talba. Jekk in-notifika tkun fi kwalunkwe territorju ieħor ta' Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1965, il-perjodu għall-preżentata ta' konferma huwa ta' 31 jum wara d-data tan-notifika tal-formola tat-talba jew tad-dettalji tat-talba. Il-perjodu għall-preżentata ta' risposta huwa ta' 31 jum wara d-data tan-notifika tad-dettalji tat-talba jew, jekk il-konvenut jippreżenta konferma tan-notifika, 45 jum wara n-notifika tad-dettalji tat-talba. Aktar dettalji jistgħu jinstabu fil-[Parti 6 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili](#).

Meta n-notifika tkun fi kwalunkwe pajjiż ieħor, il-perjodu għall-preżentata ta' konferma tan-notifika jew għall-preżentata ta' risposta huwa l-għadd ta' jiem elenkati fit-tabella (mogħtija fil-link ta' hawn taħt) wara n-notifika tad-dettalji tat-talba jew, fejn il-konvenut ikun ippreżenta konferma tan-notifika, l-għadd ta' jiem elenkati fit-tabella flimkien ma' 14-il jum addizzjonali wara n-notifika tad-dettalji tat-talba. It-tabella tista' tinstab fid-

[Direzzjoni ta' Prattika 6B tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili](#).

#### **12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?**

Il-limitu ta' żmien għall-appelli kontra s-sentenzi huwa ta' 14-il jum. Il-limitu ta' żmien għall-preżentata ta' rikors biex imħallef jistħarreġ id-deċiżjoni ta' korp jekk inti tkun intitolat li tagħmel dan skont l-istatut huwa ta' 28 jum, sakemm l-istatut inkwistjoni ma jipprovdi mod ieħor.

#### **13 Il-qorti jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?**

Jekk l-attur jaħseb li jkun hemm raġunijiet eċċezzjonali, huwa jista' jitolb lill-qorti biex tikkunsidra rikors immedjatament u mingħajr ma l-konvenut jiġi nnotifikat b'xi dokumenti, jiġifieri "ex parte" jew "mingħajr avviż". Jekk l-imħallef joħroġ ordni "ex parte" jew "mingħajr avviż", l-attur jingħata appuntament ieħor biex jattendi l-qorti. Il-konvenut ikun intitolat li jkun preżenti għal dan l-appuntament sabiex l-imħallef ikun jista' jisma' liż-żewġ partijiet qabel ma jiddeċiedi jekk għandux joħroġ ordni oħra.

Fil-Parti II tal-Att tal-1980 dwar il-Prekrizzjoni (Limitation Act 1980) huma previsti aktar possibbiltajiet ta' estensjoni ta' perjodu. Pereżempju, jista' jkun hemm estensjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni f'każijiet fejn l-attur ikollu diżabbiltà (l-Artikolu 28 tal-Att tal-1980 dwar il-Prekrizzjoni (Limitation Act 1980)).

Sakemm ir-Regoli tal-Proċedura Ċivili jew direzzjoni ta' prattika ma jistipulawx mod ieħor jew il-qorti ma tordnax mod ieħor, iż-żmien speċifikat minn regola jew mill-qorti biex persuna tagħmel kwalunkwe att jista' jiġi varjat permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet. Barra minn hekk, l-imħallfin għandhom setgħat estensivi ta' ġestjoni tal-kawżi biex jibdli l-perjodi ta' żmien.

#### **14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?**

Le. Parti ma titliff tali benefiċċju.

#### **15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?**

Jekk konvenut jonqos milli jikkontesta jew jikkonferma t-talba fiż-żmien meħtieġ, attur jista' jippreżenta talba jew rikors għal sentenza fil-kontumacia.

Madankollu, il-konvenut xorta jkollu l-possibbiltà li jappella kontra dik id-deċiżjoni jew qorti tista' tannulla s-sentenza.

Huma disponibbli wkoll sanzjonijiet oħra relatati mal-ġestjoni tal-kawżi. Pereżempju meta parti tkun meħtieġa tissottometti xi ħaġa, jiġifieri perizja, sa ċertu żmien u tonqos milli tagħmel dan, il-qorti tista' tordna dak ir-rapport bħala inammissibbli.

Il-qorti tista' tirrikorri wkoll għal sanzjonijiet bħalma huwa d-disprezz tal-qorti.

#### **16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?**

Il-partijiet inadempjenti jistgħu jersqu quddiem il-qorti u jitolbu li l-iskadenzi jiġu estiżi. Jekk l-iskadenza tal-perjodu tkun irriżultat f'sentenza fil-kontumacia, huma jistgħu jippreżentaw appell jew jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni.

#### **Links relatati**

[Il-Ministeru tal-Ġustizzja \(Ministry of Justice\)](#)

[Regoli tal-Proċedura Ċivili \(Civil Procedure Rules\)](#)

L-aħħar aġġornament: 03/03/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NGE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NGE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.